MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-1 ta' Settembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 166/2004

Il-Pulizija

vs

Wahid Ahmed A. Elawami

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Wahid Ahmed A. Elawami talli f'dawn il-Gzejjer, f'San Giljan, fil-lejl ta' bejn id-29 u 30 ta' Mejju 2004, kellu fil-pussess tieghu medicina specifikata u psikotropika (ecstasy) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 ta' l-1985 kif sussegwentement emendat u l-artikoli 35(B) u 89(A) u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza tal-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-artikolu 16 ta' l-Att V ta' l-1985 kif

emendat, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

**Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta' Lulju 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Wahid Ahmed A. Elawami hati ta' pussess ta' medicina specifikata u psikotropika (ecstasy) minghajr l-aggravju, u kkundannatu ghal prigunerija ghal zmien erba' xhur bit-tnaqqis taz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv, kif ukoll ikkundannatu ghall-hlas ta' l-ispejjez ta' l-espert mahtur mill-Qorti fl-ammont ta' disgha u ghoxrin liri u wiehed u disghin centezmu (Lm29.91). Inoltre l-ewwel Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien ta' l-Ispizjar Mario Mifsud li ghandu jipprezenta process verbal dwar id-distruzzjoni;**

**Rat ir-rikors ta' appell tal-11 ta' Awissu 2004 ta' l-imsemmi Wahid Ahmed A. Elawami li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha fejn in forza ta' l-istess sentenza l-appellant gie liberat mill-akkuza ta' pussess ta' medicina perikoluza [**recte: **specifikata u psikotropika] (ecstasy) f'cirkostanzi li juru li din is-sustanza ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu, u tirrevokaha fejn in forza ta' l-istess sentenza l-appellant instab hati ta' pussess (semplici) ta' l-istess sustanza u konsegwentement tilliberah minn kull htija u mill-piena konsegwenzjali inflitta fuqu;**

**Rat l-atti kollha tal-kawza;**

**Semghet it-trattazzjoni ta' Dott. Leo Bencini ghall-appellant u ta' Dott. Stephen Tonna Lowell ghall-appellat;**

**Ikkunsidrat:**

**Mir-rikors ta' appell l-aggravji ta' l-appellant jistghu jigu sintetizzati fi tnejn: (1) li l-prosekuzzjoni ma pproducietx, kif kienet obbligata li taghmel, l-ahjar**

**prova u (2) li l-ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi.**

**Dwar l-ewwel aggravju l-appellant ighid li l-prosekuzzjoni kienet tenuta tressaq l-ahjar prova biex tissostanzja l-kaz taghha, liema prova kienet tikkonsisti f'impronti digitali izda li ghal xi raguni jew ohra ma ntalbux. Din il-kwistjoni giet trattata mill-ewwel Qorti li qalet fis-sentenza taghha li l-"fingerprints mhux dejjem huwa possibbli li televahom jew li ssibom fejn jidhlu drogi" u li "m'hemm ebda obbligu legali ghall-prosekuzzjoni li ggib il-fingerprints jew fotografija jew analizi ohra". Apparti dawn il-konsiderazzjonijiet, fil-kaz in ezami, dak li fil-fehma ta' din il-Qorti huwa rilevanti huwa l-fatt li ma jirrizultax li ttiehdu xi prekawzjonijiet biex jigu preservati xi impronti digitali li seta' kien hemm fuq il-borza tal-plastik li fiha nstabu t-tliet pilloli ecstasy. Difatti din il-borza giet elevata minn P.C. 279 Kevin Gauci, kif xehed huwa stess, "minn gol-fil [tal-hajt] u ghaddejthom lis-surgenta dak il-hin hemmhekk". U W.P.S. 45 Marisa Bartolo kkonfermat fix-xiehda taghha li P.C. 279 ghadda l-borza bil-pilloli lilha; hija hekk xehdet: "Ghidtlu ghaddihomli. Tahomli u x'hin tahomli f'idejja stajt nara li kienu tliet pilloli". Jigifieri galadarba l-borza kienet ghaddiet minn diversi idejn - wara gew mghoddija wkoll lill-ufficjal prosekutrici Spettur Nadia Lanzon - ma kien hemm l-ebda skop li jintalab li jsir ezami ghall-prezenza ta' impronti digitali. Ghalhekk din il-Qorti ma tirravviza l-ebda nuqqas da parti tal-prosekuzzjoni fin-nuqqas taghha li titlob li jsir ezami ghall-impronti digitali. U wara kollox il-prosekuzzjoni kellha kull dritt tibbaza l-kaz taghha fuq dak li dehrilha kienet l-ahjar prova, cioe` x-xhieda okulari u x-xiehda ta' l-Ispettur Lanzon stess. Konsegwentement dan l-aggravju huwa michud.**

**It-tieni aggravju jikkoncerna purament kwistjoni ta' apprezzament ta' fatti. Huwu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll**

**fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].**

**F'**Blackstone's Criminal Practice 2001 **naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):**

The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):

[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.

However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it.

**Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) fl-ismijiet** Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt **fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal:**

"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament"

**Ghalhekk din il-Qorti ezaminat b'mod profond il-provi kollha migbura, u in partikolari t-traskrizzjonijiet kollha tax-xhieda u l-istqarrija li l-appellant kien**

**ghamel lill-Pulizija. Minn dan l-ezami li ghamlet hija soddisfatta li kien hemm provi bizzejjed biex, jekk emmnuti, jiggustifikaw il-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti. Fi kliem iehor, il-kaz mhuwiex wiehed fejn ikun azzardat legalment, u kontra kull principju legali, li wiehed jasal ghall-konkluzjoni ta' rejita`, imma huwa kaz fejn l-appellant jista' ma jitwemminx f'dak li qal, u l-ewwel Qorti setghet ghalhekk legittimament u ragonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet fuq il-provi.**

**Fl-istqarrija li l-appellant ghamel lill-Pulizija fil-31 ta' Mejju 2004 cahad kategorikament li l-pilloli kienu tieghu. L-istess ghamel meta xehed quddiem l-ewwel Qorti. Huwa minnu wkoll li mix-xiehda ta' W.P.S. 45, P.C. 246 u P.C. 279 ma jirrizultax li huma raw il-borza f'idejn l-appellant. Mill-banda l-ohra jirrizulta li, wara ftit hin ta' osservazzjoni, dawn it-tliet pulizija raw lill-appellant jaghmel mossa bhallikieku qieghed ipoggi jew jahbi xi haga wara c-cint li kien bilqieghda fuqu u minn dak il-post giet immedjatament elevata l-borza li kienet tikkontjeni l-pilloli ta' l-ecstasy. Wiehed mix-xiehda (P.C. 279) sahansitra xehed li l-ewwel ra lill-appellant idahhal idu fil-but tax-xellug ta' quddiem tal-jeans, johrogha u jnizzilha wara c-cint.[2] Barra minn hekk hemm ix-xiehda ta' l-Ispettur Nadia Lanzon li semmiet kif l-appellant biddel il-verzjonijiet tieghu.[3] Hija qalet li ghall-ewwel cahad li l-pilloli kienu tieghu. Imbaghad qal li kienu ta' siehbu Mohammed Ali Mohammed Amatresi li kien ghaddihomlu biex jahbihom. Sussegwentement talab biex ikellimha u meta kellmitu fil-prezenza tas-Surgent tal-lock-up qalilha li xtaq jammetti li kienu tieghu. Meta l-ghada hija baghtet ghalih biex jaghmel l-istqarrija, huwa rega nnega li l-pilloli kienu tieghu jew ta' siehbu.**

**F'dawn ic-cirkostanzi, u meta jitqies li l-ewwel Qorti kellha anke l-opportunita` tevalwa l-komportament tax-xhieda, din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex**

---

[2] W.P.S. 45 xehdet li, kif kienu raggruppati hi u z-zewg pulizija l-ohra josservaw lill-appellant u shabu, P.C. 279 "seta' jara ahjar ghax kien ezatt faccata taghhom".
[3] L-appellant cahad dan fix-xiehda tieghu.

**tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha.**

**Ghal dawn il-motivi:**

**Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier. Ghal kull bwon fini tosserva li minn informazzjoni moghti lilha jidher li l-appellant diga` skonta l-perijodu ta' prigunerija nflitt fuqu.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------